# UGO PASQUALE MIFSUD

## 1889-1942



### PROFIL

Twieled il-Belt Valletta nhar it-12 ta' Settembru 1889, iben Gio Batta Mifsud u Philomena Marianna née Muscat. Irċieva l-edukazzjoni tiegħu fil-Liċeo tal-Belt u fl-Università Rjali ta' Malta fejn fl-1910 iggradwa bħala avukat. Fl-1928 iżżewweġ lil Maria Beatrice née Francia. Fil-professjoni tiegħu għamel isem, l-aktar fil-Qorti tal-Kummerċ. Huwa sar Prim Ministru meta kellu biss 35 sena u serva darbtejn f'din il-kariga. L-ewwel terminu tiegħu kien bejn it-22 ta' Settembru 1924 u l-1 ta' Awwissu 1927, filwaqt li t-tieni terminu kien bejn il-21 ta' Ġunju 1932 u t-2 ta' Novembru 1933. Fid-9 ta' Frar tal-1942, Sir Ugo Mifsud sofra attakk tal-qalb waqt diskors qawwi li kien qed jagħmel fil-Kunsill tal-Gvern, kontra d-deċiżjoni tal-gvern kolonjali Ingliż, li ried jiddeporta lil numru ta' Maltin fl-Uganda. Huwa miet jumejn wara fil-11 ta' Frar 1942 fl-età ta' 52 sena, u ġie midfun fiċ-ċimiterju ta' Ħal Lija.

### POLITIKA

Fl-1919 huwa kien parti mill-Assemblea Nazzjonali u ta sehemu fit-tħejjija tal-Kostituzzjoni tas-Self Government. Fl-1921 ġie elett membru tal-Assemblea Leġislattiva f'isem l-Unione Politica Maltese. Mifsud serva bħala Ministru fid-dikasteri tal-Finanzi, tal-Ġustizzja, tal-Posta, tal-Industrija u l-Kummerċ, kif ukoll f'dak tal-Agrikoltura u Sajd. Wara r-riżenja ta' Francesco Buhagiar fl-1924, Mifsud sar it-tielet Prim Ministru ta' Malta. Bejn l-1927 u l-1930 kien ukoll il-Kap tal-Oppożizzjoni. Eventwalment, Sir Ugo kien membru tal-Kunsill tal-Gvern mil-1939 sa ma miet fl-1942.

### KARIGI U ĦIDMIET

Huwa okkupa diversi karigi, fosthom dik ta' mexxej-konġunt tal-Partit Nazzjonalista flimkien ma' Nerik Mizzi wara l-għaqda mal-Unione Politica Maltese fl-1926. Fl-1928, huwa ppresieda l-kumitat tal-liġi tal-ajru u tar-radju f'konferenza f'Varsavja, u rrappreżenta lil Malta fil-laqgħat tal-Empire Parliamentary Association li saret fil-Kanada. Fl-1932 Mifsud kien parti minn delegazzjoni governattiva li ressqet talba formali f'Londra, sabiex Malta titqiegħed taħt id-Dominium Office bħala Membru Indipendenti tal-Commonwealth, filwaqt li fl-1934 huwa ppresieda l-Kumitat tat-Trade Marks f'konferenza li saret f'Budapest.

### TAGĦRIF IEĦOR

Sir Ugo Pasquale Mifsud kiteb ħafna dwar id-Dritt Internazzjonali f'rivisti ta' natura ġuridika. Twaqqaf monument iddedikat lilu fil-Ġnien tal-Mall fil-Furjana fl-1963, filwaqt li nsibu toroq imsemmija għalih f'Ħal Lija, f'Ħal Luqa u Ta' Xbiex.

© 2021 Heritage Malta Publishing